# Kunsill Lokali Gżira

20 ta' Mejju 2021

**Ref Nru. 30/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 30/2021 li saret t-Tlieta 27 ta' April 2021

Il-Kunsill Itaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Disa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona, Shaun Farrugia u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Hadt ma kien skuzat

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 21 ta' April 2021

Il-laqgħa inbdiet mir-Rapporti peress li il-Kunsill kien sa jiddiskuti il-Financial Statements 2020 u l-accountant Piere Bugeja daħal għal-laqgħa mil-bidu.

## 30.5 Rapporti

30.5.1 L-accountant Pierre Bugeja beda billi qali li il-Kunsill għalaq is-sena minn fuq bi tmien t'elf (8K) euro. Il-Kunsill kellu zieda fl-allokazzjoni ttal gvern u dieda ohra sostanzjali minn fuq il-bye laws tal-Kunsill. It-thul ta l-infurzar nqas bi 33%. Dan jista jkun habba li hafna citazzjonijiet thalsu online u jista jkun li thalsu go kunsilli ohra. Spejjez amministrattivi li mhumiex kapitali baqaw kwazi l-istess bhal tas-sena 2019.

30.5.2 Pierre Bugeja kompla jagħti tarif dwar l-assets current u non-current. Hawn kien hawn tnaqqis ta kwazi sebgħa t'elf (7K). Spjega li l-ammont ezatt l-ammont ta' reserves and liabilities.

30.5.3 L-Accountant kompla jagħti spjegazzjoni dettaljata tal-accounts tal-Kunsill, fejn fl-ahhar ghalaq billi qal li minn dawn l-accounts il-kunsill jidher li il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija stabbli u b'saħħita.

Wara li l-accountant spicca il-presentazzjoni tieghu, il-Kunsillier J.Cardona saqasa jekk din il-laqgha hiex tixxandar live. L-Agent Segretarju Ezekuttiv sostniet li saret taf dak inhar filgħodu li bid-direttiva tal-UHM, is-segretarji gew innotifikati biex ma jippartecipawx fil-laqghat. Dan iwassal biex il-laqgha ma issirx ghaliiex bla segretarju il-laqgha ma tistax issir. L-Agent Segretarju Executtiv ma ried ihassar il-laqgħa fl-aħħar minuta, għaldaqstant ġie deżiz li issir imma ma tixxandarx live. Il-Kunsilliera J.Cardona, H.Caruana, S.Farrugia u j.Borg iddecidew li la mihiex tiġi imxandra live, huma kienu ħa joħorġu mil-laqgħa. Madanakollu, il-kunsill xorta wahda kellu quorum, u il-laqgħa baqghat għaddejja.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 30.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Il-minuti tal-laqgħat li saret l-Erbgha 24 ta' Marzu 2021 u il-laqgħa urgenti li saret il-Gimgħa 16 ta April 2021, ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

30.2.2 Paġna Nru.2 para 28.2.2 – Scaffolfing mingħajr permissi. – Il-Kunsillier N.Cethcuti semma li din il-problema għadha ma issolvietx għax għad hemm minnhom bla permess. Il-Kunsill qabel li il-Lesa għandha tati rendikont ta lil minn qeda tħarrek u jizdied l-infurzar fuq il-kuntratturi li qedin jaħdmu bla permess. Il-Kunsill iħoss il-ħtiega li jerġa jiltaqa u jiddiskuni mal-Lesa rigward l-infurzar, għaldaqstant sa tigi skeda laqgħa fejn membri tal-kunsill ikunu prezenti.

30.2.3 Karozzi abbandunati fit-toroq – Is-Sinku semmha kas partikulari fejn kuntrattur f'Reid Street qed ikollu jalaq it-trip minħabba korozza abbandunata u tibqa ipparkjata hemm minkejja li it-tali kuntrattu ihallas il-permess ta' No parking biex ikompli bix-xoghlijiet tiegħu. Il-Kunsillier N.Cethcuti infurma lil-Kunsill li qed ikun hemm l'ilmenti mir-residenti minħabba f'hekk. Is-Sinku qal li trid tinstab soluzzjoni fejn jithalla avviz mal-karozza u f'kas li tali karozza ma ticcaqlaqx, tigi skrepjata skont il-ligi.

30.2.4 Pagna Nru.2 paraa 28.2.3 – Laqgħa mal-enemalta – Is-Sinku qal li gie infurmat li il-bozoz tat t-toroq ser isiru mil-Gvern centrali, għaldaqstant il-Kunsill ma għandu għalfejn jtħol fiha iktar.

30.2.5 Paġna Nru.2 para 28.2.4 – Laqgħa mal-Kappillan – Il-Kunsilleir N. Cethcuti rega staqsa dwar il-laqgha li kellha issir mal-kappillan. Is-Sindku stieden lil Kunsillira biex jattendu din il-laqgħa, li għanda tigi organizzata dan ix-xahar.

30.2.6 Paġna Nru.3 para 28.2.5 - Pjazza Meme Scicluna – Is-Sindku semmha li saret laqgħa ma Micheal Stivala li lezitu taha kien posittiv. Gie miftiehem li l-Progett jieħu hsiebu ST properties u jigi imħalla mil-property gains ta l-istess kumpanija. Il-Kunsill ħa jipprocedi billi japplika ghal-permess necessarji mal-Awtorita ta' L-Ippjanar. Għandu jsir il- BOQ sabiex jigħ stabbilit jekk dan il-progett għandux jigi iffinanzjat mil-Kunsill ukoll.

30.2.7 Paġna Nru.5 para 28.2.6 – Tower Crane ta' Belvedere – Is-Sindku semma' li kellu jiccekja mal-kuntrattur jekk sarx ix-xoghol biex tissolva l-ilma li qed jinzamm mata tagħmel ix-xita.

30.2.7 Paġna Nru.2 para 28.2.7 – Public Convenience –Qed jerġa jkun hemm ħafna ilmenti fuq il-Public Convenience. Is-Sinku ħeġġeġ biex immexxu bil-permess fuq it-tibdil miftiehem. Il-Kunsill qabel li jiġi imqabbad kuntrattur biex jieħu hsieb li jkun hemm attendent f'kull ħin, fejn il-kuntrattur jkun jista jitlob hlas għal użu tal-facilita. Dan bi qbil fuq il-ħinijiet tal ftuh. Sabiex ix-xogħlijiet isiru, il-Public convenience trid tingħalaq , għaldaqstant is-serizz ta' mobile toilet irid jigi provdut għal pubbliku.

30.2.8 Paġna Nru.3 para 28.2.10 – Korsijiet tal-ECDL– L-Agent Segretarju Eżekuttiv sostniet li peress li hemm għaddejja il-kampanja tal-korsijiet provduti mir-Regjun, il-kampanja tal-kunsill ha titmexxa iktar il-quddiem. Il0Kunsill qabel ma din id-decizjoni.

30.2.9 Paġna Nru.4 para 28.2.11 – Ibins – L-Agent Segretarju Eżekuttiv qalet li ilpKunsill għadu qed jistenna risposta dwar il-fondi u l-approvazzjoni tal-projett.

30.2.10 Paġna Nru.4 para 27.2.12 – Cameras tat-Toroq – L-Agent Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li is-Servizz ta monitragg provdut mill-Lesa huwa provdut b'xejn. L-applikazjoni għal-fondi qeda tiġi iffinalizzata, madanakollu il-kunsill qabel biex tinħareg il Call for Quote sabiex jinbeda ix-xogħol.

30.2.11 Paġna Nru.4 para 27.8.1 – Bye Law – Il-Laqgha fuq il-Bye Laws saret nhar il Hamis 9 ta' April, 2021. Is-Sinku qal li dawn il-Bye laws ħa jintbghatu lil avucat biex jirrivedihom u wara jintbagħtu lil kunsilliera għal-aħħar approvazzjoni. B'hekk ikunu jistaw jintbaghtu li Gvern Lokali għal approvazzjoni finali

30.2.12 Paġna Nru.5 para 28.4 – Intervent ta' l-Istaff – Is-Sindku tenna li l-intervent ta' l-Istaff kien posittiv ħafna. L-Agent Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lil kunsilliera kollha għan-nom ta l'istaff għas-sapport li urieh waqta dan l-intervent.

30.2.13 Paġna Nru.11 para 27.7.1 – Central Strip Triq tas-Sliema – Il-Kunsillier N.Cethcuti reġa semmha li f'din z-zona qed isir l-abbuzz u jitħall hafna skart f'kull ħin tal-gurnata. Dein iz-zona hija waħda minn dawk li ser ikollhom montiragg bil-camera.

30.2.14 Il-Kunsiller R.Mangion semmha li kien hemm proposs rinovar fiz-zona ta' bieb il-Ġzira. Is-Sinku qal li minħabba il-progett ta' Manoel De Vilhena, il-Kunsill għandu mnejn ma ikollux bizzsejjed fondi biex jagħmel iz-zewġ progetti f'daqqa. Fuq kollox semmha ukoll li xtaq jinkorpora dan il-progett ma dak li ser jagħmlu Muscat Motors, fejn ikun hemm ftehiem bejn iz-zewġ partijiet u l-ebda progett ma jfixkel lil ieħor. Għaldaqstant il-kunsill irid jitkellem ma' Muscat Motors u jinstab mod kif jistaw jikkolaboraw. Il-Kunsill qabel li jimxi bhal ma mexa ma St. Properties fuq Pjazza meme Scicluna.

30.2.15 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħat nru. 28 u 29 jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ.

**30.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

30.3.1 Smart Equipment fil-Lokalita – Is-Sindku semmha l-inizzjattiva ta' Smart Equipment fil-Lokalita. Is-Sindku ippropona li issir preżentzzjoni fil-laqgha li jmiss.

30.3.2 Iffumigar ta' Zoni fil-Ġzira – Ġew prezentati kwotazzjonijiet biex jiġu iffumigati certu zoni fil-lokalita. Il-Kunsill issugerrixxa li jintalab li Gvern biex isir dan l-iffumigar, b'hekk il-kunsill ser jaghmel it-talba tieghu.

30.3.3 Cross Roads – Il-Kunsill għandu f'idejh l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex isiru Crossroads fi Triq tas-Sliema u Triq il-Gzira. Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni ta Triq ta Sliema fejn jinġema hafna traffiku. Il-Kunsillier R.Mangion issugerrixxa li l access ghal Triq il-Madonna tal- Ġebla jingħalaq u l-karozzi jduru mar-roundabout tal-Kappara Junction biex jitla għal-Madonna tal-Ġebla. Bl-stess argument il-Kunsillier I.Buhagiar issugerixxa li jsir l-stess ghat-Triq Luqa Briffa. Għadaqstant ġie deciz li jssir pjanta. Il-Kunmsill iddecita li il-crossroad ta' Triq il-Ġzira għanha issir.

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

30.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistqsija.

**30.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

30.6.1 Hinijiet tal-gbir ta' l-Iskart – Il-Kunsillier N.Cethcuti issuġġerixxa li jerga jiġu riveduti il-ġinijiet tal-gbir ta' l-iskart. Is-Sindku qal li jemmen li hemm kazijiet ġenwini pero xorta wahda irid isir xi ħaġa. Biss it-tibdil għndu jsir wara li jitlesta il-Progett tal-Ibins. Il-Kunsiller N.Cetchuti semmha il-facilita li il-Lesa titfa persuna josservaw u jħarku fejn qed isir l-abbuzz. Għal dan is-servizzs hemm spiza, fejn is-Sinku issugerixxa li tali spiza ta wardens għal lokalita jitħalsu mil-Kunsill u jkun biss assenjati fil-lokalita taghna biss. Pero ic-citazzjonijiet jinqasmu bejn il-Kunsill u il-Lesa. Għandha tintbat il-lista ta' Repeat Offences lil Lesa biex isir moniteragg.

30.6.2 Hsarat fi Triq San Albert– Il-Kunsiller N.Cetchuti semma il-ħsarat li saru fi Triq San Albert mil kumpanija Go waqt xogħolijiet li għamlu fit-triq. Il-hsara ġiet irrangata temporanjament mil-persina inkarigata għal maintanane tal Kunsill. Il-Go wiegħed li se jibghat lil-Kuntrattur fi zmien jumejn sabiex jirranga il-ħsara. Il-Kunsill innota li certu drabi il-Kunsill jiehu il-ħtija ta' ħaddiehor ta' xejn.

**30.7 Bye-law: Marina: Regulation of Parking**

30.7.1 Is-Sindku qasam mal-kumplament tal-Kunsill proponiment ta' bye laws fuq il-parking tal-Marina. Dan il-proponiment jinkludi parking ta massimu ta' disgħin (90) minuta, mit-Tnejn sal Hadd bejn id-disa u il-ħamsa (9.00 – 17.00). Il-Kunsilliera semmew li l-iktar li sa jigu affetwati huma ta' l-ufficini tal-madwar. Il-Kunsilleira ma qablux magħha, specjalment minħabba li tinkludi tmiem il-ġimgħa. Qablu pero li din issir għal min mhuiex resident, filwaqt li resident jista jipparkarja il-ħinijiet kollha. Din l'idea trid terġa tiġi diskussa.

**30.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

30.8.1 Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-pagament mnizzel bħal Ġzira Local Council, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li huma il-paġi. Għal darba oħra dawn ha jigu imnizzla u iċċarati.

30.8.2 Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-pagament imnizzel bhala Cir, li huma t-taxxa u il-bolla ta' l-impjegati.

30.8.3 Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-pagament imnizzel bhala R Squared, li huma ta l-inizzjattiva ta' Repairs fuq ħsarat ta computers u laptops ma' Notebook Centre.

30.8.4 Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-pagament tal-Melita, li qied jarah sostanzjali. Dawn jinkludu l-għaxar linji li hemm l-ufficju u linji tal-mobile ta l-istaff. Is-Sinku iccekja il-Financial Statements fejn bħal utilitiesmhux talli baqa l-istess talli naqas. Pero xorta wahda ħa jigu iccekjati il-kontijiet.

30.8.5 Il-Kunsillier R. Mangion ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier I. Buhagiar ssekonda.

**30.9 Mozzjonijiet**

30.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**30.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

30.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-habta ta' 8.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-it-Tlieta 25 ta’ Mejju fil-5pm.

Konfermati, illum 25 ta’ Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |